*Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa*

# Minuti

# Disa' Legislatura

## *Laqgħa numru 72*

***5.30p.m 21 ta' Frar 2024***

## *Preżenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Josef Azzopardi | - Sindku |
| Is-Sur Joseph Scerri | - Viċi Sindku |
| Is-Sur Dominic Spencer | - Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Lia | - Kunsillier |

## *Assenti b'Apoloġija*

| | |
|---|---|
| Is-Sur Francis Debono | - Kunsillier |
| Is-Sur Colin Pace | - Kunsillier |

## *Assenti*

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Charmaine Aquilina | - Kunsillier |

## *Uffiċjal Preżenti*

| | |
|---|---|
| Edward Spiteri Audibert | - Segretarju Ezekuttiv |

## *Minuti*

Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

### *72.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji*

72.1.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kunsillier is-Sur Francis Debono talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba mpenji ta' xogħol filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Colin Pace talab li jiġi skużat mill-laqgħa minħabba ċirkostanzi personali.

## *72.2 Kunsiderazjoni u Approvazzjoni tal-Minuti*

72.2.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi staqsa jekk hemmx xi mistoqsijiet jew kummenti fuq il-minuti tal-Laqgħa numru 70. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellu emendi fuq il-minuti msemmija, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda. Il-Vot favur kien unanimu.

## *72.3 Komunikazzjoni mis-Sindku*

72.3.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li matul ix-xahar ta' Jannar sar survey mill-Misco skond il-kriterji stabbiliti f'dak li jirrigwarda l-proġett tad-Day Care Centre fejn il-Kunsill ġie mitlub jsegwi s-sentiment tar-residenti tal-Marsa min sentejn ilu l'hawn wara li tlesta l-proġett tad-Day Care Centre. Is-Sindku qal li s-sentiment tar-residenti kien ferm pożittiv b'żidiet sostanzjali f'kull kategorija ta' età. Dan naturalment huwa ta' sodisfazzjon għall-kunsill, bir-rapport ser qed ikun qed jintbagħat lill-kunsilliera kollha.

72.3.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill l-email li bagħat il-Kunsillier is-Sur Francis Debono aktar kmieni fil-ġurnata lill-kunsilliera kollha. F'din l-email kien hemm miktub li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill mhix sostenibbli u hija bla kontroll u li din ser tkompli tiżdied ħafna aktar matul is-sena. Il-Kunsillier Debono qal fl-ittra li s-Sindku qatt ma ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill is-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill fuq l-aġenda biex din tiġi diskussa fost il-membri. Is-Sindku qal li mingħajr ma jidħol fuq l-aspetti finanzjarji tar-rapport annwali 2023 hekk kif dan ser ikun qed jiġi diskuss iktar tard fil-preżenza tal-accountant, ta' min jiftakar li r-rapporti finanzjarji tal-Kunsill ta' kull kwart tas-sena jiġu diskussi u approvati fil-Kunsill, fejn kulħadd ikun jista' jressaq it-tħassib tiegħu dwar din il-materja. Apparti hekk dawk li jkunu preżenti fil-laqgħat jafu ben tajjeb is-sitwazzjoni peress li kemm-il darba t'issemma u dawk preżenti jingħataw l-informazzjoni kollha mitluba.

## *72.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera*

72.4.1 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri nforma l'dawk preżenti li hemm ħofra ġewwa Triq Azzopardi sabiex il-Kunsill jieħu ħsiebha. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li hemm żewġ toqob li ordna biex isiru u din hija waħda minnhom.

72.4.2 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa fl-liema stadju waslu l-istudji tal-GHRC u dwar id-dog park. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-GHRC qegħda attwalment tagħmel konsultazzjoni mall-għaqdiet tal-lokal biex wara ssir laqgħa mall-Kunsill. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li huwa importanti li l-Kunsill ikun dejjem involut f'dawn id-diskussjonijiet u l-laqgħat isiru b'mod regolari. Is-Sindku jaqbel perfettament ma dan.

72.4.3 Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri staqsa biex l-arblu li ntuża għas-siġra tal-Milied jitlaq u ssir bollard ġdida. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qabel ma dan.

72.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qed jissuġġerixxi li l-Kunsill jerġa jagħmel talba biex issir laqgħa ma l-Ministru tat-Transport sabiex il-Kunsill jressaq għall-attenzjoni tiegħu l-problemi relatati mat-tneħħija tal-lights fi Triq Diċembru Tlettax u dwar il-lifts tal-bridge tal-istess triq. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li jaqbel ma din il-proposta.

72.4.5 Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer staqsa dwar il-possibilità li tintuża t-tram station min persuni li jieħdu sehem fil-Karnival. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-użu tat-tram station f'dan l-istadju mhux possibbli hekk kif il-ħsieb huwa li l-binja tiġi rrestawrata.

## *72.5 Kunsiderazjoni* u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

72.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ta' spjega tal-pagamenti skond l-iskeda 01/2024 annessa. Wara li ħadd mill-membri preżenti ma kellhom xi mistoqsijiet jew kummenti dwar il-kontijiet mressqa għall-approvazzjoni, s-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab l-approvazzjoni għall-ħlas tagħhom. Il- Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda u l-vot favur kien unanimu.

.

## *72.6 Deċiżjoni u Konsiderazzjoni fuq Korrispondenza*

72.6.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Għaqda Festi Esterni Ssma Trinita' ser terġa ttella wirja relatata mall-Ġimgħa Mqaddsa. Fost oħrajn ser ikun hemm Mejda tal-Appostli b'affarijiet reċiklabbli biex jingħata eżempju kif dan jista' jintuża biex tinħoloq arti. Għalhekk qed jistaqsu jekk il-Kunsill huwiex interessat jagħmel reklamar fuq poster għal prezz ta' €300. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt l-vot favur li jsir dan ir-reklamar kien unanimu.

72.6.2 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li s-Sinjura Claudia Caruana qed titlob kumpens ta' €180 mill-Kunsill Lokali tal-Marsa wara li din allegatament daħlet f'ħofra fi Triq Troubridge bil-konsegwenza li skond hi qasmet tyre tal-karozza. Is-Sindku spjega li filwaqt li s-Sinjura Caruana bagħtet ritratt tat-tyre maqsum u ta' ħofra, ma kien hemm l-ebda ritratt bħalma jsir f'sitwazzjonijiet simili tal-mument tal-inċident bil-karozza ħdejn il-ħofra u għaldaqstant dan jista' jagħti lok għall-

abbuż. Għaldaqstant, is-Sindku qed jissuġġerixxi li dan l-allegat ħsara ma jitħallasx. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

72.6.3 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li l-Pageant Group Marija Reġina ser joħroġ ktieb b'informazzjoni peress li din is-sena l-għaqda ser tagħlaq 35 sena mit-twaqqif tagħha. Huma qed jistaqsu jekk il-Kunsill huwiex interessat jagħmel reklam, bil-logo tal-Kunsill fuq il-promos u l-posters u fuq il-billboard. Dan ir-reklamar jiswa €500. Kien hemm diskussjoni fost dawk preżenti, filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer qal li bħalma dejjem saħaq fil-passat hemm bżonn li ssir struttura fejn kull għaqda tingħata somma stabbilita' mill-Kunsill. Sadanittant, il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

72.6.4 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Għaqda Festi Esterni Ssma. Trinita' wriet ix-xewqa li għal żmien ir-Randan u l-Ġimgħa l-Kbira taħdem set slaleb għal Triq Balbi. Il-prezz ta' dan is-servizz huwa ta' €400. Wara diskussjoni fost il-membri preżenti, ma kienx hemm qbil fost dawk preżenti jekk għandhomx jingħataw dawn il-fondi jew le. B'hekk is-Sindku ressaq mozzjoni, li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri li fis-sitwazzjoni preżenti l-Kunsill m'għandux jidħol għal committments ġodda hekk kif ninsabu fl-aħħar tal-leġislatura u għaldaqstant dawn il-fondi ma jingħatawx. Il-vot kien hemm Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi, l-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri u l-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ivvota kontra din il-mozzjoni.

72.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi nforma lil dawk preżenti li l-Pageant Group Marija Reġina tixtieq tinforma l-Kunsill u lill-Għaqdiet tal-Lokal li nhar il-Ħadd 24 ta' Marzu ser ikun qed itella l-Pageant fit-toroq tal-Marsa. Apparti hekk ser ikun hemm il-wirja artistika li tikkonsisti f'xogħol bil-melħ fi Triq Nerik Sacco mis-17 ta' Marzu sa Sibt il-Għid.

72.6.5 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħareġ skemi ġodda li għalihom il-Kunsilli Lokali ser ikun qed japplikaw fosthom hemm waħda li l-Kunsill Lokali tal-Marsa japplika għaliha kull sena, dik tal-attivitajiet annwali u kulturali. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet fir-rigward, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

72.6.6 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li l-Kumitat Festi Esterni Marija Reġina ser ittella' wirja tal-Ġimgħa l-Kbira bejn it-22 u t-30 ta' Marzu fiċ-Ċentru Parrokkjali. Għaldaqstant qed jistaqsu jekk il-Kunsill iridx il-logo jidher fuq il-poster għall-prezz ta' €200. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

72.6.7. Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi qal li b'referenza għal Premju Mara 2023/2024 il-Kunsill Lokali tal-Marsa irċieva 12-il nominazzjoni fejn fihom ġiet innominata għal dan il-Premju is-Sinjura Rita Cutajar. Il-Kunsill wara li nqraw in-nominazzjonijiet li kienu kollha fuq persuna waħda ttieħed vot favur. Il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

Is-seduta ġiet sospiża temporanjament sabiex l-accountant tal-Kunsill is-Sur Laurence Manicaro jispjega r-riżultati finanzjarji tal-Kunsill.

## *72.7 Riżultati Finanzjarji Q4 2023;*

72.7.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lill-accountant tal-Kunsill is-Sur Laurence Manicaro sabiex jagħti d-dettalji tal-andament finanzjarju tal-Kunsill għall-aħħar kwart tas-sena 2023. Matul dan il-perjodu rajna li l-Kunsill irreġistra telf ta' madwar €83,500 wara li kien hemm żieda kbira fi spejjez relatati mall-ġbir tal-iskart u ma ġbir ta' skart illegali. Madankollu, l-indikatur finanzjarju ewlieni FSI xorta waħda baqa' f'territorju pożittiv hekk kif dan baqa' fil-livell ta' 6%. Wara diskussjoni u wara li dawk preżenti ċċaraw kull mistoqsija li kellhom, l-account spjega dawn il-mistoqsijiet. Is-Sindku talab lil dawk preżenti jekk kienx hemm xi mistoqsijiet ulterjuri min dak li ġie rrapportat mill-accountant. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet, il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *72.8 Riżultati Finanzjarji għas-Sena 2023;*

72.8.1 Is-Sindku s-S Josef Azzopardi talab lill-accountant tal-Kunsill is-Sur Laurence Manicaro sabiex jagħti r-riżultati finanzjarji mhux awditjati għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2023. Hawnhekk rajna li komplessivament il-Kunsill bħala fondi rċieva fondi ta' madwar €925,000 u nefaq madwar €1,001,000 b'riżultat ta' defiċit ta' madwar €83,500. Bħalma deher fil-figuri finanzjarji tal-aħħar kwart tas-sena dan l-iżbilanċ huwa dovut primarjament min żieda fl-infieq għall-iskart, minkejja l-isforzi kollha tal-Kunsill biex matul is-sena inaqqas l-infieq f'diversi oqsma oħra bħalma effettivament ġara. Il-cash and cash equivalents kien ta' madwar €178,500 li minkejja li dan huwa f'territorju pożittiv xorta waħda huwa tnaqqis mill-€201,000 għas-sena li għalqet fil-2022. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi mistoqsijiet dwar dawn ir-riżultati filwaqt li talab għall-approvazzjoni tagħhom. Il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer issekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *72.9 Budget Annwali 2024;*

72.9.1 Is-Sindku s-Sur -Sur Josef Azzopardi talab lill-accountant tal-Kunsill is-Sur Laurence Manicaro sabiex jagħti rendikont tal-Budget għall-din is-sena, fejn il-Kunsill huwa mistenni jnaqqas id-defiċit għal madwar €30,000. Madankollu, s-Sur Manicaro wissa li x-xhur li ġejjin ser ikunu ta' sfida għal Kunsill tal-Marsa bħalma huma ta' sfida għall-Kunsilli kollha fejn qed tiġi rreġistrata żieda sostanzjali fil-prezzijiet tal-iskart u partikularment f'dawk relatati mat-tipping fees. Il-Kunsill Lokali tal-Marsa ma jistgħax iserraħ rasu fuq iż-żieda fl-allokazzjoni finanzjarja tal-Gvern Ċentrali, hekk kif diġa' hemm diversi committments kontrattwali u l-Kunsill irid jilqa' għaż-żieda fil-prezzijiet tal-iskart. Is-Sindku talab lill-dawk preżenti jekk għandhomx aktar mistoqsijiet fir-rigward sabiex jittieħed vot għal dan id-dokument. Il-Kunsillier is-Sur Joseph Lia ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *72.10 Skema tar-Restawr 2024-2025;*

72.10.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega li ftit tal-ġimgħat ilu ħarġet skeda biex jiġi rrestawrat monument t'importanza fil-lokalita', fejn xtaq iressaq il-proposta tiegħu li l-monument magħżul ikun dak tat-Tram Station, binja unika fil-ġżejjer Maltin. Is-Sindku spjega li ser ikun qed ikompli jagħmel

mill-aħjar li jista' biex il-binja tat-Tram Station tiġi għand il-Kunsill u bl-iskema li ser napplikaw għaliha nittamaw li jsir ir-restawr li jixraq il-dan il-bini. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet fir-rigward, il-Kunsillier is-Sur Dominic Spencer ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *72.11 Ġnien Spencer;*

72.11.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi spjega lil dawk preżenti li x-xogħol fuq Ġnien Spencer għaddej b'ritmu mgħaġġel u dan mistenni jkun lest propju f'Ġunju li ġej. Attwalment hemm diskussjonijiet għaddejjin biex dan il-Ġnien filwaqt li jibqa' totalment tal-Kunsill, jiġi devolut lill-ERA. Għalkemm dan irid jiġi finalizzat u għad iridu jiġu diskussi permezz ta' memorandum, hemm ħafna vantaġġi li l-Kunsill jista' jibbenefika minnhom jekk ikun hemm din id-devoluzzjoni, l-ewwel u mhux l-inqas huwa l-manutenzjoni tal-post matul is-snin, l-indafa tal-latrina li komplessivament dawn ser ikunu ta' piż finanzjarju għall-Kunsill. Il-Sindku talab lil dawk preżenti sabiex jaħsbu fuq dawn il-punti biex f'laqgħa oħra din it-tema terġa titla.

## *72.12 Deċiżjoni fuq it-Tender tal-Ġbir tad-Demel tal-Korsa;*

72.12.1 Is-Sindku s-Sur Josef Azzopardi talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jagħti dettalji ta' tar-rapport tal-Bord t'Evalwazzjoni. Is-Segretarju spjega li għat-tender tal-ġbir tad-demel tal-korsa kien hemm total ta' tlett kuntratturi li applikaw għaliha. Min dawn it-tlieta wieħed minnhom dak ta' Derek Garden Centre ma kellux ir-rekwiżiti mitluba mit-tender u għaldaqstant ġie skwalifikat. B'hekk kienu iż-żewġ kumpaniji oħra li għaddew għall-fażi finali dawk ta' WM Environmental u ta' Environmental Recycling Services Co. Ltd (ERS). Madankollu, il-prezz tal-ERS li kien ta' €84,000 kif ferm orħos min dak ta' WM Environmental li talab €112,000 fis-sena mingħajr VAT. B'hekk l-Bord t'Evalwazzjoni qed jissuġġerixxi li t-tender jingħata lill-kumpanija ERS. Madankollu, jekk kemm-il darba din il-kumpanija tirrifjuta l-offerta, awtomatikament tkun il-kumpanija l-oħra jiġifieri tad-WM Environmental li tieħu t-tender. Wara li ħadd min dawk preżenti ma kellu aktar mistoqsijiet il-Viċi Sindku s-Sur Joseph Scerri ssekonda filwaqt li l-vot favur kien unanimu.

## *72.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

72.13.1 Il-laqgħa ntemmet fit-7.55 pm u ġiet aġġornata għal 20 ta' Marzu fil-5.30pm fil-bini amministrattiv tal-Kunsill kif kien miftiehem fis-seduta ta' qabel.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Josef Azzopardi | Edward Spiteri Audibert |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |